# X'inhuma l-benefiċċji tal-proċess tal-let me learn®?

- Jispjega kif jitgħallmu t-tfal billi jiddeskrivi l-erba' proċessi ta' tagħlim.
- Joffri l-għodda meħtieġa, jiġifieri l-inventarju, li biha jista' jitkejjel il-livell li fih tfal individwali jużaw l-erba' proċessi ta' tagħlim tagħhom.
- Jidentifika kif it-tfal jintegraw l-informazzjoni, jużaw l-għodod għat-tagħlim u jiżviluppaw fi studenti kunfidenti u kompetenti li kapaċi jiksbu sens ta' suċċess tul ħajjithom kollha.
- Jutilizza r-riżultati miksubin biex jgħinkom tikkomunikaw mat-tfal b'mod effettiv dwar l-iskola, xogħol mogħti għad-dar u esperjenzi oħrajn ta' tagħlim.
- Jgħinkom toffru għajnuna aktar effettiva lil uliedkom.
- Jgħallem lit-tfal dwar kif jiżviluppaw strateġiji għal meta l-ħidmiet skolastiċi u l-istudji ma jkunux jaqblu mal-mod li huma jippreferu jitgħallmu bih.
- Joffri l-opportunità lit-tfal biex jitgħallmu kif jaħdmu mal-oħrajn u biex japprezzaw id-diversità.





LML®

...sabiex nitgħallmu lkoll

Sit elettroniku: www.letmelearnmalta.org
Indirizz elettroniku: info@letmelearnmalta.org

Iddisinjat u stampat minn Best Print Co Ltd, Qrendi • Tel: (+356) 2168 0789

# Gwida għall-ġenituri u dawk kollha responsabbli mit-trobbija u l-edukazzjoni tat-tfal



LML®

...sabiex nitgħallmu lkoll

Qed issibha diffiċli tgħin lil uliedek biex ilestu x-xogħol mogħti għad-dar?

Tixtieq tkun taf kif uliedek jippreferu jitgħallmu?

Tixtieq li uliedek jifhmu aħjar int x'qed tistenna mingħandhom?

Tixtieq tiżviluppa ħiliet li jgħinuk toffri għajnuna aktar effettiva lil uliedek huma u jitgħallmu?

Bħala l-ġenituri jew il-persuni responsabbli mit-trobbija u l-edukazzjoni tat-tfal tagħkom, ħadd ma jaf lil uliedkom aktar minnkom! Intom l-ewwel għalliema tagħhom u lkoll konxji dwar l-importanza tal-edukazzjoni f'ħajjithom.

# X'inhu l-proċess tal-let me learn®?

Il-Proċess tal-Let Me Learn® hu bbażat fuq il-kunċett li kull min jitgħallem hu individwu uniku. Bl-użu ta' dan il-proċess, intom tifhmu aħjar kif uliedkom jippreferu jitgħallmu b'mod naturali. Dan l-għarfien jista' jintuża biex ikattar fit-tfal il-motivazzjoni lejn it-tagħlim kif ukoll jgħinkom tindirizzaw aktar il-ħtiġijiet ta' wliedkom intom u toffrulhom l-għajnuna tagħkom.

Kull wild hu influwenzat mill-erba' proċessi ta' tagħlim li hu mogħni bihom sa mit-twelid. Dawn il-proċessi, li huma s-Sekwenza, il-Preċiżjoni, it-Teknika u l-Konfluwenza, il-ħin kollu jinteraġixxu flimkien u jinfluwenzaw wieħed lill-ieħor. Sa minn kmieni, il-Proċess tal-Let Me Learn® joffrilkom l-għodod neċessarji li bihom tistgħu tagħrfu f'liema livell uliedkom jużaw dawn il-proċessi. M'hemm l-ebda kumbinazzjoni ta' tagħlim tajba jew ħażina... kull kumbinazzjoni hi valida. Il-mod li bih jitgħallem kull wild individwali għandu impatt qawwi fuq it-tagħlim, kemm fi ħdan l-iskola, fil-komunità aktar wiesgħa, kif ukoll fuq ir-relazzjonijiet eżistenti bejn membri differenti tal-familja.

Jgħinkom tfiehmu lil uliedkom kif jistgħu jħaddmu l-proċessi ta' tagħlim tagħhom b'suċċess. Hu importanti ħafna li hawn taħdmu mill-qrib mal-għalliema ta' wliedkom. Il-Proċess tal-Let Me Learn® joffri kemm lilkom, lit-tfal, kif ukoll lill-għalliema numru ta' għajnuniet prattiċi biex jgħinukom tirnexxu flimkien. L-użu ta' strateġiji effettivi fejn meħtieġ jiżgura t-tħaddim intenzjonat tal-erba' proċessi ta' tagħlim min-naħa tat-tfal. Bil-mod uliedkom jiksbu ħiliet li jistgħu japplikaw tul ħidmithom kollha. Huma jitgħallmu kif isiru studenti awtonomi li kapaċi jiksbu u jagħmlu tagħhom it-tagħrif, kif ukoll isolvu d-diffikultajiet fit-tagħlim mingħajr ma jiddependu wisq fuq l-għajnuna tal-adulti ta' madwarhom. B'hekk jieħdu responsabbiltà dejjem akbar tat-tagħlim tagħhom.

Intom tiksbu l-opportunità li ssiru verament sħab ma' wliedkom u mal-għalliema tagħhom. Fl-aħħar, ġenituri, dawk kollha responsabbli mit-trobbija u l-edukazzjoni tat-tfal u edukaturi jkunu jistgħu tassew jiġbdu ħabel wieħed, għall-ġid komuni ta' wliedkom!

# L-erba' proċessi ta' tagħlim



## SEKWENZA

L-individwu jfittex l-ordni u l-konsistenza.

### Ħafna drabi jkun jeħtieġ:

- direzzjonijiet ċari u eżempji
- ippjanar
- ħin biex ilesti xogħlu kif ippjanat u jipprattika
- organizzazzjoni u pulitizza

### Xi drabi iżda:

- jitlef wisq ħin jipprova jifhem x'inhu mitlub minnu tant li jħalli ftit żmien għat-tlestija tax-xogħol mistenni
- ma jirnexxilux jibda jekk m'għandux pjan
- jsib diffikultà jitlaq mill-pjan li fassal biex jesperimenta b'ideat differenti jew jaħdem fuq xogħol ieħor
- jsib diffikultà jlesti xogħlu fil-ħin mogħti



## TEKNIKA

L-individwu jfittex ir-rilevanza, it-taħbil il-moħħ, il-ħidma bl-idejn u l-awtonomija.

### Ħafna drabi jkun jeħtieġ:

- tagħlim marbut mal-esperjenzi tal-ħajja u li jista' jiġi applikat
- opportunitajiet għall-ħidma li ssir bl-użu tal-idejn u l-għodod
- attivitajiet li jinvolvu t-taħbil tal-moħħ u s-sejbien ta' soluzzjonijiet prattiċi
- opportunitajiet fejn jaħdem waħdu

### Xi drabi iżda:

- jevita li joqgħod attent u jagħmel ħiltu jekk ma jarax rilevanza fit-tagħlim offrut
- jeħtieġ perjodi ta' waqfien mix-xogħol kull tant ħin, fejn jista' jinvolvi ruħu f'xi attività fiżika, bl-għan li jerġa' jpoġġi bil-kalma u jlesti x-xogħol mistenni
- jsib diffikultà jikteb fit-tul
- jiddejjaq jaħdem fi grupp



## PREĊIŻJONI

L-individwu jfittex li jkun jaf x'inhu qed jiġri eżatt madwaru.

### Ħafna drabi jkun jeħtieġ:

- informazzjoni eżatta u dettaljata
- opportunitajiet biex jistaqsi l-mistoqsijiet
- opportunitajiet fejn jikteb u jispjega fit-tul
- ħin biex jiċċekkja xogħlu għal xi żbalji jew informazzjoni nieqsa

### Xi drabi iżda:

- jitlef wisq ħin ifittex għal u jivverifika l-informazzjoni
- ma jħossx li għandu tagħrif biżżejjed biex ilesti x-xogħol mistenni fl-aħjar mod mixtieq minnu
- jinkwieta żżejjed dwar jekk tax tweġibiet mill-aktar sodisfaċenti għall-mistoqsijiet li kellu
- jintilef fid-dettalji u ma jagħtix kas tal-punti ewlenin



## KONFLUWENZA

L-individwu jfittex l-oriġinalità u ħarba mir-regoli.

### Ħafna drabi jkun jeħtieġ:

- jara l-istampa sħiħa aktar milli jifhem x'inhuma l-fażijiet differenti ta' pjan u jsegwihom
- jibda jaħdem mill-ewwel u jistaqsi għad-direzzjonijiet wara
- spazju biex jesplora l-ideat uniċi u oriġinali tiegħu u jirriskja bihom
- opportunitajiet fejn jesprimi dak li jaf b'mod artistiku quddiem udjenza

### Xi drabi iżda:

- ddejqu r-ripetizzjoni u jħossu wisq maqbud fl-ideat ta' ħaddieħor
- jitlef faċilment l-interess f'dak li jkun qed jagħmel u jibda xogħol ieħor mingħajr ma jlesti dak ta' qabel
- jitlaq b'raġunament żbaljat sa mill-bidu tal-ħidma tiegħu
- jkollu wisq ideat u jsib diffikultà jagħżel dik l-idea li kapaċi jaħdem l-aktar fuqha